**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 01/2023

19 ta' Jannar 2023

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Marco Agius | – Sindku |
| Noyah Spiteri Hammett | – Vici-Sindku |
| Johann Scerri | – Kunsillier |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| James Cauchi | - Kunsillier |
| Melanie Agius | - Kunsilliera |
| Rita Gatt | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Marco Agius ,Sindku, ippresjediet il-laqgħa

**01.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

01.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

**01.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

01.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 21/2022 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

01.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett issekondata mis-Sa. Rita GATT il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

01.2.3 Is-Sa. Spiteri Hammett u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

01.2.4 Hekk kif legalment stipulat is-Sindku qara l-minuti tal-laqgha generali annwali li kienet inzammet f'Dicembru 2022.

**01.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

01.3.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill prezenti illi hekk kif ippjanat kienet ittellghet attivita' celebratorja f'lejliet l-ewwel tas-sena, liema attivita' kienet qieghda tigi meqjusa bhala success.

01.3.2 Is-Sindku informa lill- Kunsilliera prezenti illi flimkien mal-Kunsillier Martin Vella kien attenda ghal-laqgha ta' infurzar li kienet giet organizzata minn ERA u li kienet tittratta b'mod partikolari problemi relatati ma gbir ta' skart.

01.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif deciz, waqt cerimonja formali, kien gie ffirmat *memorandum of understanding* bil-ghan illi l-lokalita' timplimenta progetti zghar illi permezz taghhom issir *dementia friendly*.

01.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali bil-progett alteraqua li l-Kunsilli Lokali tal-Kottonera kienu qieghdin jahdmu sabiex jimplimentaw. Is-Sur Agius tenna kif permezz tal-progett,fuq numru ta' snin, kienu ser jigu rrestawrati u jsiru interventi fuq numbru ta' gibjuni.

01.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet inzammet ma' rapprezentanti minn Dar Andrew.

**1.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

1.4.1 Il-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett staqsiet : "Jista' l-Kunsill Lokali galadarba ma nkisbux fondi minn EAA Norway Grants jiccekkja dwar fondi ohra ewropej bil-ghan illi l-porgett propost jimmaterjalizza?".
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb: "Iva, kemm il-darba ikun hemm programmi li ghalihom il-progett ikun eligibbli nistghu nibbenefikaw minn fondi alternativi".

1.4.2 Il-Kunsillier Johann Scerri staqsa : 'Tista' ssir laqgha mal-pulizija rigward abbuzi ta' parkegg fi Triq San Piju IX
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : ' Ser inkunu qieghdin nitolbu laqgha mas-Supretendent tad-Distrett dwar il-materja'.

**1.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

1.5.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru10/22) ghall-approvazzjoni.

1.5.2 Fuq proposta tas-Sur Johann Scerri ssekondata mis-Sa. Rita Gatt, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

1.5.3 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xhur ta' Novembru u Dicembru 2022.

1.5.4 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett ssekondata Sa. Rita Gatt, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

**1.6 Mozzjonijiet**

1.6.1 Mozzjoni numru 01/2023 (VIII)
Qed nipprezenta mozzjoni kumplimentari mall-ligi l-gdida ntrodotta mill-lum 2 ta` Jannar, 2022 li ser tindirizza ahjar il-gbir ta skart partikolari favur ambjent ahjar

Permezz ta din il-mozzjoni ser inkun qed nissugerixxi wkoll li fl-ewwel granet ta din is-Sena gdida 2023 flimkien ma din il-ligi gdida ahna` wkoll nuru differenza b` azzjoni xierqa billi nghagglu dawk il-proposti li kellna sabiex jigu ndirizzat dawk l-areas identifikati minnha stess minn zmien ghal zmien, b mod specjali dawk l-ares barra c-centru ta beltna bl-installar tas-CCTV cameras kif qed jitolbu wkoll ic-cittadini taghna, b`mod immedjat

Ic-cittadini taghna, flimkien ma dan il-process gdid li qed jindirizza l-iskart Nazzjonali ser ikunu qed josservaw ukoll iktar mill-qrib il- progress fejn tidhol l-indafa ingenerali meta l-ikbar eyesore qed jibqa l-materjal li qed jigi ddampjat

regolarment minkejja, ukoll kull sforzi li jsir kif qed jigi ppruvat success bil-progett pilota fuq l- indafa stess

Ejjew, ahna wkoll inkunu ta ezempju kif dejjem konna billi nzidu l-efforts taghna li kulhadd ikun jista jara u jmiss b`idejh id-differenza mill-paroli ghal-fatti kif qed isir ukoll b` impenn u dedikazzjoni mill-awtoritajiet tal-Gvern Centrali flimkien maghna l-Kunsilli Lokali

Proponent : James Cauchi
Sekondant : Marco Agius

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**1.7 Sejhiet ghall-offerti**

1.7.1 Is-Sindku aggorna lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni ma' sejhiet ghall-offerti li kienu nhargu mill-Kunsill Lokali b'konnessjoni ma' servizzi ta' accountant u perit. Is-Sur Agius sahaq illi l-process kien miexi hekk kif ippjanat fi hdan il-parametri legali stabbiliti.

1.7.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kelli jikkunsidra l-possibilita' illi johrog sejha ghall-offerti ghal servizzi ta' general hand bil-ghan illi certu xoghol ta' manutenzjoni isir fuq bazi kuntrattwali. Tali sejha ghall-offerti kellha tkopri numru ta' servizzi relatati ma' manutenzjoni. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellu jigi abbozzat dokument bil-ghan illi fis-seduta segwenti tittiehed decizjoni dwar il-materja.

1.7.3 Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv aggornaw lill-Kunsill Lokali dwar sitwazzjoni li kien hemm bejn il-kuntrattur tal-knis u l-*contracts manager* u spjegaw x'kien sehh u x'kien qieghed ippjanat li jsir abbazi tal-pariri legali li kienu ttiehdu.

**1.8 Performance Appraisal tas-Segretarju Ezekuttiv**

1.8.1 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performace appraisal report* ghas-Segretarju Ezekuttiv ghas-sena 2022. Is- Sindku sahaq illi wara li kienet iddiskutiet il-hidma tas-Sur Hall, kien qieghed jirrakkomanda illi huwa jinghata l-massimu ta' 10% bhala *performance bonus*.
Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett issekondata mill-Kunsilli Martin Vella kien hemm qbil illi kellha ssir rakkomandazzjoni sabiex is-Sur Hall jinghata 10% bhala performance bonus.

**1.9 Estimi Annwali**

1.9.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kien inbeda l-process sabiex jigu mhejjija l-estimi annwali ghas-sena 2023. Is-Sur Agius zied jghid illi l-istess estimi kienu geew diskussi waqt laqgha pubblika li kienet

inzammet u stieden lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jaghti spjegazzjoni dettaljata tal-pjanijiet ghad-dhul u nfiq matul l-2023. Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega fid-dettall id-dokument abbozzat, fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett issekondata mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali b'vot unanimu approva l-estimi annwali hekk kif imressqa.

**1.10 Rapporti**

1.10.1 Is-Sindku aggorna lill-Kunsill Lokali bl-izviluppi dwar decizjoni tal-Kunsill Lokali li tinhareg sejha bil-ghan illi jigi ingaggjat skrivan/a fi skala 15. Is-Sur Agius sahaq illi l-Kunsill Lokali kien ircieva curriculum vitae tal-kandidati eligibbli u kien jinhtieg li jinhatar bord bil-ghan illi jsiru l-interviews. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi l-interviewing board kellu jkun kompost mis-Sindku, Vici-Sindku, Martin Vella, James Cauchi u s-Segretarju Ezekuttiv

1.10.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien miexi l-process sabiex il-Kunsill Lokali jigaggja librar wara r-rizenja tas-Sur Kevin Mercieca. Is-Sur Agius sahaq illi fir-rigward kien ikun opportun illi f'dan il-kaz ukoll jinhatar il-bord tal-interviews halli hekk kif jaslu s-sottomissjonijiet tal-curriculum vitae isiru l-intervisti. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi l-interviewing board kellu jkun kompost mis-Sindku, Vici-Sindku, Rita Gatt, James Cauchi u s-Segretarju Ezekuttiv

1.10.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jkollu fi hdan l-amministrazzjoni Ufficjal Ezekuttiv fi Skala 13 bil-ghan illi l-istess impjegat/a ikun f'pozizzjoni li jiehu decizjonijiet bazici u jizdiedulu r-responsabilitajiet. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellu jinkiseb permess mid-Divizjoni ghall-Gvern Lokali u tinhareg is-sejha skont il-process stabbilit fl-att. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi l-interviewing board kellu jkun kompost mis-Sindku, Vici-Sindku, Martin Vella, James Cauchi u s-Segretarju Ezekuttiv

1.10.4 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill prezenti illi kien jinhtieg li l-Kunsill Lokali jahtar mill-gdid Agent Segretarju Ezekuttiv. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil bejn il-membri prezenti illi l-Kunsill Lokali kelliu joffri l-opportunita' lis-Sa. Ramona Falzon Gatt illi kienet diga' ghamlet xi zmien isservi bhala deputat Segretarju Ezekuttiv fi hdan l-istess Kunsill Lokali.

1.10.5 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali l-unaudited financial statements ghas-sena 2022 li flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali u l-accountant kien hadem sabiex jinghalqu fiz-zmien u stieden lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jaghti spjegazzjoni dettaljata tad-dokument. Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega fid-dettall id-dokument, fuq proposta tas-Sa. Rita Gatt issekondata mis-Sur Martin Vella u b'votazzjoni unanima, l-unaudited financial statements ghas-sena finanzjarja 2022 gew approvati hekk kif imressqa.

F’dan l-istadju u peress li kienu ghaddew tliet sieghat mill-bidu tas-seduta, is-Sindku ghadda mozzjoni sabiex is-seduta tkun tista’ titkompla. Il-Kunsillier Johann Scerri ssekonda u kien hemm votazzjoni unanima.

1.10.6 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport finanzjarju ta’ kull kwart ghall-pejodu Jannar-Dicembru 2022 u stieden lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jaghti spjegazzjoni dettaljata. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif filwaqt li s-sitwazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet wahda stabbli wiehed ried joqghod attent ghaliex l-FSI kien nizel drastikament. Huwa zied jghid illi minkejja li d-differenza kienet wahda mistennija, il-Kunsill Lokali ried ikun ghaqli fejn jidhol infiq matul l-2023. Wara proposta tas-Sur Martin Vella ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali b-vot unanimu, approva d-dokument hekk kif imressaq.

1.10.7 Is-Sindku aggorna lill-Kunsilliera prezenti dwaril-progett li l-Kunsill Lokali fi Grawnds Peppi Delceppo. Filwaqt li informa lill-Kunsill Lokali illi x-xogholijiet kienu ghaddejjin b’mod regolari, is-Sindku sahaq illi l-amministrazzjoni kienet gabret l-istimi ghall-aperturi. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jipprocedi bl-orhos fost l-istimi migbura. Is-Sur Agius zied jghid illi b’konnessjoni mal-istess materja, il-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana illi jadotta sett ta’ bye-laws bil-ghan illi jkun jista’ jinkera snack bar li kien hemm. Fir-rigward, is-Sindku qara numru ta’ klawsoli li kien qieghed jigi propost li jkunu nkluzi fl-imsemmi sett ta’ bye-laws. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi decizjoni dwar il-materja kellha tittiehed fis-seduta segwenti bil-ghan illi l-klawsoli jigu mixtarra tajjeb.

1.10.8 Is-Sindku ressaq rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellhom ikunu koperti l-haddiema tal-Kunsill Lokali kollha permezz ta’ personal Accident policy proposta mill-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi l-istess Kunsill Lokali kellu jkun kopert minn polza ta’ assikurazzjoni ghall-flus proposta mill-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b’korrispondenza li kienet waslet mid-Divizjoni ghall-Gven Lokali u permezz taghha l-istess Divizjoni infurmat lill-Kunsill Lokali kif kienet inqassma l-allokazzjoni finanzjarja ghas-sena 2023.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b’korrispondenza relatata mal-fond ta’ aggustament ghall-2023 li kienet waslet minghand id-Divizjoni ghall-Gvern Lokali u kif il-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana illi jutlizza l-istess fondi ghas-sena in-kwistjoni.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat bi ktieb li kien hareg l-awtur Charles Buttigieg bl-isem ta’ Karamellu u r-Rahal t’isfel. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tinxtara kopja tal-istess ktieb u titpogga fil-librerija pubblika tal-lokalita’.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b’korrispondenza li Regjun Xlokk kien ircieva minghand CSAF b’konnessjoni mal-gbir ta’ skart li kien jiggenera is-santwarju tal-qtates.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi kien ser ikun hemm sessjoni ohra ta’ kategorizzazzjoni ta’ skart b’konnessjoni mal-progett Zero Waste.

- Il-kunsill Lokali qabel illi ma kelliex tigi accettata proposta tal-kumpanija Lovin Malta sabiex issir feature fuq Bormla bhala parti minn sensiela ta' produzzjonijiet li l-istess kumpanija kienet qieghda timplimenta.
- Wara li gew ipprezentati numru ta' stimi, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tigi accettata l-orhos fost l-istimi migbura bil-ghan illi jinxtara AED Defibrillator hekk kif deciz mill-Kunsill Lokali stess f-seduta precedenti.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tigi milqugha talba ta' resident sabiex titwahhal mera ma garaxx li kien hemm fi Triq Rikkardo Taylor.
- Kien hemm qbil illi ma kellha tinsab ebda oggezzjoni biex jinhareg permess ghal tombla kull nhar ta' erbgha fil-lokalita'.
- Ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal talba ta' resident sabiex ipoggi qsari tac-caqquf u disinn forma ta' rota fi sqaq numru 1, Triq Nelson.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat bil-progett Alteraqua li General Soft Drinks kienet qieghda tippjana li timplimenta fil-Kottonera u kif Bormla kienet ser tibbenefika.
- Il-Kunsill gie infurmat bid-dettalji ta' proposta minn MCAST sabiex student tal-istess skola jaghmel apprentistat mal-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jaccetta l-proposta.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jitlob laqgha b'konnessjoni ma' proposta ta' maintenance agreement ghall-istruttura 'dghajsa tar-rih' li kien hemm f'Bacir numru 1.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat bi proposta ta' gemellagg ma' belt fil-Kosovo, liema proposta kienet waslet mill-ambaxxatrici Maltija ghall-pajjiz. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jixtarr f'aktar dettall il-proposta permezz ta' laqgha mal-istess Ambaxxatrici.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'ittra ta' ringrazzjament li Dr.Lydia Abela kienet baghtet bil-ghan illi tirringrazzja lill-Kunsill Lokali ghall-partecipazzjoni fl-attivitqa' 'Rigal b'Imhabba'.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jikkollabora ma' Bormla Subbuteo Club bil-ghan illi tittella' attivita' sportiva. Is-sehem tal-Kunsill Lokali kellu jkun li jinxtraw trufej u medalji ghar-rebbieha.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'rati godda li l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jigi mitlub ihallas f'kaz illi ma jintlehaqx ftehim b'konnessjoni mas-sejha ghall-gbir ta' skart fuq bazi regjonali.

1.10.9 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill Lokali, illi hekk kif il-kunsilliera kienu infurmati permezz ta' emails, il-Kunsillier Johann Scerri kien qieghed jahdem bil-ghan illi tittella' attivita' relatata ma' zmien il-karnival. Wara li l-Kunsillier Scerri spjega fid-dettall l-attivita' li kienet qieghda tigi proposta, inkluz informazzjoni dwar spejjez relatati, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellu jipprocedi.

1.10.10 Wara li s-Sindku informa lill-Kunsill Lokali b'korrispondenza li kienet baghtet il-Kunsilliera Melanie Agius Attard b'konnessjoni ma' kors ta' Mental Health First Aid li

kien gie deciz li jittella', kien hemm qbil illi minhabba nuqqas ta' partecipazzjoni, il-kors kellu jinfetah ghall-ghaqdiet.

1.10.11 Il-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett aggornat lill-Kunsill Lokali bl-arrangamenti li kienu qieghdin isiru b'konnessjoni ma' progett li l-Kunsill Lokali kien qieghed jimplimenta bhala parti minn kampanja kontra l-vjolenza domestika. Is-Sa. Spiteri Hammett sahqet kif kien qieghed jigi ppjanat illi tittella' attivita nhar it-13 ta' Frar 2023 bil-ghan illi fost l-ohrajn jigi varat video li kien gie prodott mill-Kunsill Lokali u li kien ser jitqassam fl-iskejjel ta' Malta kollha.

F'dan l-istadju harget mis-seduta il-Kunsilliera Melanie Agius ( 22:45)

**1.11 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

1.11.1 Is-seduta giet fi tmiemha fl-22:59p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghat-23 ta' Frar 2023 fis-5:30 p.m.

Konfermati, illum 23 ta' Frar, 2023

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Marco Agius** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |